# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tat-9 laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Hamis 5 ta' Lulju 2012 fis-6:00 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech<br>Alfred Muscat<br>Vincent A. Galea |
| **Aġent Segretarju Ezekuttiv** | Kenneth Brincat |

**089/01 Talba**

**09/01/01** Il-laqgha bdiet fis-6.00 p.m. billi intqalet it-talba.

***Is-SE informa lill-Kunsill, li l-Vici-Sindku Mark Azzopardi infurmah li ma setax jattendi ghal din il-laqgha minhabba impenji ohrajn. Il-Kunsill unanimament approva li jkun skuzat.***

**09/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 08**

**09/02/01** Peress li ma kienx hemm emendi, il-minuti gew approvati unanimament u konsegwentament iffirmati.

**09/03 Punti mtella' mill-minuti**

**09/03/01** ***Para 08/03/02 – Għazla tal-Offerti :*** Is-SE informa lill-Kunsill li s-servizz mill-kuntrattur il-gdid beda mill-1 ta' Lulju 2012.

**09/03/02** ***Para 08/03/03 - ATM fir-rahal*** – Is-Sindku informa lill-Kunsill, li l-HSBC ghadhom qed jikkunsidraw il-proposta li jinstallaw ATM f'Hal Gharghur.

**09/03/03** ***Para 08/03/04 – Il-Huggiega ta' San Gwann:-*** Il-Kunsill innota li ghal din l-attivita' attendew ftit nies. Jista jkun peress li saret il-Hadd kif ukoll kien hemm il-loghob tal-futbol filghaxija. Gie unanimament deciz li l-Kunsillier Vincent Galea flimkien mas-Sotto Kumitat jaghmel evalwazzjoni u jissottometti lill-Kunsill rakkomandazzjonijiet ta' x'jista jsir sabiex titjib il-konkorrenza ghal din l-attivita' jew inkella jekk ghandhiex tkompli ssir fis-snin li gejjin.

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR
Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**09/03/04** ***Para 08/03/05 - General fitness*** :- Is-Sindku fakkar fl-iskema sports fejn il-Kunsill ghandu jorganizza korsijiet ta' *general fitness*, liema korsijiet ser isiru fix-xahar ta' Settembru 2012. Gie deciz li l-istaff tal-Kunsill ikompli jsegwi flimkien mal-Vici Sindku halli dawn il-korsijiet isiru kif ippjanat.

**09/03/05** ***Para 08/03/06 - Searchlight Battery*** **:-** Is-Sindku fakkar lill-Kunsill li wara li l-Kunsill kiteb lis-Socjeta Maltija tal-Astronomija, dawn kienu irrispondew li ghadhom qed jistennew li jiltaqghu mal-Ministru.

Intant, wara li kien instab li dahlu xi nies fis-Searchlight Battery, jidher li dawn hargu minnha wara li l-Kunsill kiteb lid-Dipartiment tal-Artijiet u lill-Pulizija. Rigward il-meter tad-dawl, gie unanimament deciz li l-Kunsill jikteb lill-Korporazzjoni tal-Enemalta sabiex dan jinqaleb fuq il-Kunsill wara li jigi assigurat li m'hemmx bilanc ta' hlas pendenti.

**09/03/06** ***Para 08/03/07 – Torri tas-Semaforu*** :- Il-Kunsill unanimament approva t-text tal-ftehim li jkopri l-kiri tat-torri tas-Semaforu (eskluz il-garage). L-Agent SE informa li kien hareg is-sejha pubblika ghall-offerti biex dan it-Torri jigi mikri. Gie deciz li minn japplika jinghata c-cans li jara t-Torri. Is-sejha taghlaq fit-2 ta' Awwissu 2012. Il-Kunsill unanimament qabel li din il-kirja tibda mill- 1 ta' Settembru 2012 jekk jintlahaq ftehim.

**09/03/07** ***Para 08/03/08 - Xoghol ta' bankini fi Triq Karmnu Zarb*** **:-** Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-kont tal-kuntrattur gie rivedut mill-Perit ghal €15,712.87. Issa jonqos konfermi dwar xoghlijiet li saru mill-kuntrattur fuq servizzi tal-WSC. Il-Kunsill unanimament qabel li jhallas il-bilanc dovut malli jircievi il-Final Certificate minghand il-perit. Intant, il-Kunsill ghandu ikompli jsegwi c-certifikazzjoni tax-xoghol u l-kont minghand il-WSC.

**09/03/08** ***Para 08/03/09 – Website*** **:-** L-Agent SE informa lill-Kunsill li l-kuntrattur ghadu qed jistenna xi materjal minghand il-Kunsill. Il-Kunsill heggeg sabiex din l-informazzjoni tintbaghat minghajr aktar dewmien ghaliex issa din l-*issue* ilha pendenti hafna u jidher li t-tort ta' dan id-dewmien mhux biss tal-kuntrattur. Malli l-Kunsill ikun ghadda l-materjal kollu, il-Vici Sindku ghandu immedjatament ikellem lill-kuntrattur halli tigi ffissata data sa' meta' ghandha tigi ffinalizzata din il-websajt.

**09/03/09** ***Para 08/03/11 – Jum Hal Gharghur :-*** Il-Kunsillier C. Fenech informa lill-Kunsill li l-grupp Kultural mhux ser jkun jista' jiehu sehem ghall-attivita tat-13 ta' Lulju. Dan ifisser li mhux ser ikun hemm bzonn l-armar mitlub fil-kwotazzjoni ta' *PA System u dawl*. L-Agent SE informa lill-Kunsill li s-sejha ghall-kwotazzjonijiet ghal provvista' ta' *PA system, dawl u generator* ghalqet dakinhar stess, u wara li nfethet il-kaxxa tal-kwotazzjonijiet, u nstabu tlett kwotazzjonijiet. Il-Kunsill ghazel l-aktar offerta vantaggjuza u li hi konformi mar-rekweziti mitluba, jigifieri dik mitfugha minn Transient Ltd bil-prezz ta' Eur 814 ghas-serata tas-16 ta' Lulju 2012.

Il-Kunsill approva li l-Kor Pax Christii jaghtu s-servizz taghhom waqt il-quddiesa ta' ringrazzjament ghal hlas ta' €80 kif ukoll il-kiri tas-siggijiet ghal hlas ta' €93.44.

**09/03/10** ***Para 08/03/15 – Korsijiet tal-First Aid :-*** Fir-rigward tal-Korsijiet tal-First Aid il-Kunsillieri ftehmu bejniethom sabiex ikunu prezenti waqt li jsiru dawn il-korsijiet kull nhar ta' Erbgha filghaxija.

**09/03/11** ***Para 08/03/16 – Kors tal-Flower Arrangement*****:-** Is-Sindku informa li ghal dan il-kors gie avvicinat *l-instructor* Charles Vella li ghandu jaghtina d-dettalji dwar il-mizata u l-kontenut tal-kors.

**09/03/12** ***Para 08/03/20 – UIF: Bankini ta' Triq 31 ta' Marzu:-*** L-Agent SE informa li konna ghadna qed nistennew l-istima minghand il-Perit.

**09/03/13** ***Para 08/03/22 – Laqgha ma' Transport Malta :-*** Il-Kunsillier Vincent A. Galea ta dettlaji tal-laqgha tieghu mal-ufficcjali tat-Transport Malta. Hu informa li issa kienu ser jitressqu talbiet formali bil-miktub lit-Transport Malta.

**09/03/14** ***Para 08/03/23 – Gemellagg ma Cefalu*** **:-** Il-Kunsillier Vincent A Galea kiteb lill-kunsilliera tal-Comune di Cefalu. Wara li nircievu d-dettalji mehtiega ser niktbu formalment lis-Sindku ta' Cefalu u ngharrfuh bix-xewqa taghna li jinbdew diskussjonijiet dwar il-gemellagg.

**09/03/15** ***Para 08/06/02 – Laqgha mal-MEPA*** **:-** Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-laqgha mac-Chairman tal-MEPA ser issir fil-20 ta' Lulju fid-9am. Il-Kunsilliera gew imhegga sabiex jattendu. Gie deciz li fil-laqgha li jmiss tithejja agenda ghal din il-laqgha.

**09/04** **Approvazzjoni ta' Pagamenti**

**09/04/01** L-Agent S.E. ipprezenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / mhallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet giet ippublikata l-Agenda. Din giet approvata unanimament.

**09/04/02** L-Agent SE ipprezenta l-iskeda ta' pagamenti tal-*Petty Cash* ghax-xahar ta' Gunju li giet approvata unanimament.

**09/04/03** L-Agent SE ipprezenta kontijiet li dahlu wara li giet ippreparata l-iskeda ta' pagamenti, sabiex jigu approvati mill-Kunsill. Dawn jinkludu :- €295 lil Abakus Co. Ltd ghal *hosting* tal-websajt, €52.99 lil Calleja & Sons Ltd ghall-xiri ta' globi tal-fanali, €580.20 lil Mario Abela ghal xoghol tal-pompa ghall-Gnien il-Paci; €150 lil Charles Vella ghal kiri ta' kostumi li intuzaw fil-huggiega ta' San Gwann, €75.70 lil Galea Curmi Eng. ghas-servizz ta' *Contract Manager*; €189.22 lil ELC Ltd ghas-servizz fil-gonna u *soft areas*; €681.73 lil Cleansing Directorate ghas-servizz tal-Knis u Tindif, €16773.41 lil Road Servicing Ltd bhala t-tieni pagament tal-PPP

tax-xoghol ta' *resurfacing* fi Triq Ghaxqet l-Ghajn; €6232.92 lil Road Servicing Ltd bhala t-tieni pagament tal-PPP tax-xoghol ta' *resurfacing* fi Triq Tal-Ferha; €6320.82 lil Road Servicing Ltd bhala t-tieni pagament tal-PPP tax-xoghol ta' *resurfacing* fi Triq San Gwann. Il-Kunsill approva unanimament kif ukoll qabel li l-pagament lil Road Servicing Ltd fuq Triq San Gwann jigi rilaxxat wara li l-kuntrattur jiehu hsieb jirranga t-triq quddiem residenza fl-istess triq.

**Ilmenti u Suggerimenti**

**09/05/01** Suggeriment biex fi Triq Naxxar titwahhal tabella biex il-karrozzi jipparkjaw wicchom 'il gewwa. Il-Kunsill innota li generalment hekk jipparkjaw il-vetturi f'din it-triq u ghalhekk unanimament qabel li jkompli jsegwi.

**09/05/02** Suggeriment biex fi Triq Naxxar titwahhal tabella ohra tan-*no entry* ma' dik li hemm diga biex turi li t-triq hija *one-way*. Il-Kunsill unanimament ma approvax din it-talba peress li ladarba diga hemm tabella ma jhossx li hemm bzonn li titwahhal tabella ohra.

**09/05/03** Talba biex isir *double yellow line* fi Triq San Gwann quddiem residenza vicin ic-cimiterju. Il-Kunsill unanimament ma approvax din it-talba peress li jkun qed jitnaqqas spazju fejn tista tipparkja vettura.

**09/05/04** Suggeriment biex isiru tabelli direzzjonali tal-latrini pubblici. Il-Kunsill unanimament qabel li jaghmel dawn it-tabelli li jindikaw il-post tal-latrini fi f'Misrah il-Knisja u fi Triq San Bartilmew.

**09/05/05** Suggeriment biex jitwahhlu aktar bins f'Misrah il-Knisja. Il-Kunsill unanimament qabel li jitwahhal bin iehor fil-kantuniera ta' magenb il-Knisja, faccata tal-kazin tas-Socjeta Filarmonika San Bartilmew.

**09/05/06** Talba biex jitnehhew in-*noticeboards* specjalment dak li hemm f'Misrah il-Knisja peress li dawn huma *eyesore*. Il-Kunsill ma qabilx li jitnehhew ghaliex dawn hu utli u kemm ilhom li saru qed jintuzaw hafna u ndraw sewwa. Gie deciz li dawn jitnaddfu sew.

**09/06** **Korrispondenza**

**09/06/01** Korrispondenza li rcivejna mill-ahhar laqgha sa llum minghand il-MEPA dwar 4526/10, 1647/12, 1911/11, 1881/11, 875/12, 636/12, 995/12, 619/12. Din il-korrispondenza giet innotata.

**09/06/02** Korrispondenza minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn gejna infurmati li l-Bye-Laws dwar Ghar San Brinkat giet approvata u ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern. Il-Kunsill qabel unanimament biex isiru tabelli hdejn l-gherien li javzaw b'dawn il-bye-laws kif ukoll biex il-Pulizija jigu notifikati b'din il-bye-laws halli jiehdu azzjoni kull meta jkun hemm ksur taghhom.

**09/06/03** Korrispondenza minghand l-Inginier A. Busuttil fejn informa lill-Kunsill li l-Kunsil ta' Hal Gharghur flimkien ma' Kunsill Lokali iehor f'Malta saru l-ewwel Kunsilli

Lokali Maltin li r-rapport tas-SEAP taghhom gie accettaw mill-UE.

**09/07 Materji Ohra u Mistoqsijiet**

**09/07/01** Is-Sindku informa lill-Kunsill li hemm bzonn li jinbdew il-preparamenti ghall-festa u ghalhekk ser tigi organizzata laqgha mal-Pulizija, l-Ghaqdiet u l-Parrocca. L-Agent S.E. ser jiehu hsieb li jikkordina din il-laqgha.

**09/07/02** Is-Sindku informa lill-Kunsill li gie mgharraf mill-Ministeru tar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali li l-*istormwater culvert* li kellu jsir biex isolvi l-problema ta' gharghar fi Triq San Gwann ser isir. Dan ser jibda minn Triq San Gwann u aktarx jispicca fi Sqaq il-Hofra fejn ser issir giebja biex tilqa' l-ilma. L-istess ilma jkun jista' jintuza mill-bdiewa. Aktar dettalji ser jinghataw lill-Kunsill fil-gimghat li gejjin.

**09/07/03** Is-Sindku informa lill-Kunsill li gie avvicinat minn konsulent li jiehu hsieb japplika ghall-progetti iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea, fejn offra li jkun il-konsulent tal-Kunsill sabiex japplika ghall-progetti. Il-hlas tas-servizzi tieghu isir biss jekk l-applikazzjoni tkun maghzula u l-Kunsill jinghata l-fondi. Il-Kunsill qabel unanimament biex jingagga dan il-konsulent li jopera taht l-isem ta' Heritage Enterprise.

**09/07/04** Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar l-ilment li kien ircieva fir-rigward ta' ipparkjar ta' vetturi li jaghlqu l-access ta' Triq Dimitriju Farrugia. Il-Kunsill qabel unanimament li jsir *double yellow line* f'din il-parti biex ikun hemm indikazzjoni aktar cara li wiehed ma jistax jipparkja hemmhekk.

**09/07/05** Il-Kunsillier C.Fenech ipprezenta kwotazzjoni ta' bozoz li jammontaw ghall- Eur84 minghand ITC u Eur64 minghand Mario Abela sabiex jitranga d-dawl tal-Pjazza. Il-Kunsill unanimament approva.

**09/07/06** Gie unanimament deciz li l-ELC jintalbu jizbru s-sigar fit-toroq tar-rahal.

**09/07/07** Il-Kunsill inghata dettalji dwar laqgha li saret ma Alison Camilleri mill-MEUSEC.

**09/07/08** Il-Kunsillier C. Fenech ipprezenta l-Minuti tal-Laqgha tas-Sotto-Kumitat taz-Zghazagh, fejn il-Kunsill innota b'sodisfazzjoni ix-xoghol li qed jaghmel dan is-sotto-kumitat.

**09/08 Aggornament**

**09/08/01** Il-laqgha giet aggornata fit-8:05 p.m. wara li l-*items* fuq l-Agenda gew ezawriti u gie unanimament deciz li laqgha ohra ssir nhar il-Hamis 19 ta' Lulju fis-6:00 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Kenneth Brincat** | **19 ta' Lulju 2012** |
| **Sindku** | **Agent Segretarju Ezekuttiv** | **Data** |